# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 1.8

**Kap 1: Id-dinja sabiħa!**

**Lezzjoni 1.8 – Talba sabiħa għal Malta**

**L-Għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. Permezz tal-Innu Malti, jifhmu li madwarna hawn diversi kategoriji ta' nies.
2. Jagħrfu japprezzaw aktar lill-mexxejja ta' pajjiżna u l-irwol importanti tagħhom.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- *Powerpoint* L-Innu Malti
- L-Innu Malti:

http://www.youtube.com/watch?v=u6O-K9gbJkM

- *Karta ta' Taħriġ* 1.4 -Talba sabiħa għal Malta

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Introduċi l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal:
    - Bħalissa, aħna f' liema raħal/belt qegħdin?
    - U r-raħal ta' ħdejna x' jismu?
- Spjega li meta ngħaqqdu dawn l-irħula u l-ibliet kollha niffurmaw pajjiż. X' jismu l-pajjiż? ... Malta.
- Iddiskuti billi tistaqsi lit-tfal isemmgħu t-talba li fiha nitolbu għal Malta?



**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**



- Uri l-*powerpoint*: L-Innu Malti u aqrah flimkien mat-tfal.
- Staqsi: Tafu min kitbu? Dun Karm Psaila kiteb il-kliem u Robert Samut kiteb il-mużika. Għalhekk Dun Karm huwa meqjus bħala l-Poeta Nazzjonali.
- Staqsi: Meta ngħidu **lil din l-art ħelwa** għal liema pajjiż inkunu qed nirreferu? Għal Malta.
- Iddiskuti: Għaliex ngħidu **l-omm li tatna isimha**? Aħna nissejħu Maltin għax ċittadini ta' dan il-pajjiż. (Noqogħdu attenti għal tfal li jkunu twieldu f' pajjiż ieħor u ġew addottati f' Malta.)

- Iddiskuti : Kelma oħra flok **Ħares Mulej**...Ħu ħsieb Mulej.
- Meta ngħidu: **Agħti kbir Alla, id-dehen lil min jaħkimha**...għal min qed nitolbu? Għall-mexxejja tal-pajjiż.
- Staqsi: Min huma? Il-President, il-PrimMinistru, id-Deputati Parlamentari, l-Arċisqof li jmexxi lill-Insara Maltin.
- Meta ngħidu **Rodd il-ħniena lis-sid**...min hu s-sid? Għax qabel Malta kienet tinħakem mill-barranin. Illum is-sid huwa Malti u Malta ma tinxtarax iżda n-nies jagħżlu lill-mexxejja tagħhom.
- Meta nitolbu **Is-saħħa lill-ħaddiem**...għal min inkunu qed nitolbu? Għall-ħaddiema Maltin sabiex jibqgħu f'saħħithom. X'nitolbu fl-aħħar? Sabiex Alla jżomm lill-Maltin magħqudin fis-sliem; jiġifieri fil-paċi u mingħajr ġlied.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.1 u għin lit-tfal biex ipinġu l-bandiera Maltija.
- Spjega Attività 2 u fuq bażi ta' klassi għen lit-tfal jimlew il-kelma t-tajba fis-sentenza t-talba.
- Iddiskuti l-Attività ta' Sam u Tara u fiehem kemm hu importanti li nżommu n-nadif kull fejn inkunu biex Malta tkun post nadif.
- Stieden lit-tfal ikantaw flimkien l-Innu Malti:

  http://www.youtube.com/watch?v=u6O-K9gbJkM

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. L-Innu Malti huwa talba lil Alla.
2. Fih nitolbu għall-Maltin sabiex f' Malta jkollna dejjem l-għaqda u s-sliem.
3. L-Innu Malti nkiteb minn Dun Karm Psaila li huwa l-Poeta Nazzjonali.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

L-istudenti jaħdmu sabiex f'Malta jkollna aktar għaqda u mħabba bejnietna u aktar indafa.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

http://www.youtube.com/watch?v=u6O-K9gbJkM



## Nitolbu

Mulej, ħares lil dan il-pajjiż tagħna minn kull traġedja u gwerer u agħmel li l-Maltin ikomplu jħobbu lil xulxin u jgħinu anke lil pajjiżi oħra fejn ikun hemm bżonn. Nitolbu...

